# UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

## Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*27 ta' Novembru, 2009*

129/2009

## L-EWWEL INIZJATTIVI BI TĦEJJIJA GĦAŻ-ŻJARA TAL-PAPA F'MALTA

**'Jeħtieġ iżda li naslu fi gżira' (**Atti 27, 26) hija t-tema magħżula mill-Isqfijiet Maltin għaż-żjara tal-Papa Benedittu XVI f'Malta, is-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' April 2010. Dan il-vers mill-Atti tal-Appostli ntagħżel mill-Isqfijiet propju għaliex is-silta f'dan il-kapitlu turi li għalkemm il-pjan u l-vjaġġ ta' San Pawl kien li jmur Ruma, Alla kellu pjan differenti u ried li l-ġifen joħroġ minn triqtu u jasal Malta.

Bħala waħda mill-ewwel inizjattivi bi tħejjija għaż-żjara tal-Papa f'Malta, il-kumitat organizzattiv ippresedut minn Mons Charles Cordina qed iniedi kompetizzjoni għal dawk kollha li jixtiequ jissotomettu *logo* li jintuża speċifikament għal din iż-żjara. Il-*logo* għandu jorbot mat-tema magħżula mill-Isqfijiet.

Kull minn huwa interessat għandu jibgħat id-diżinn/diżinji tiegħu fuq karta A4, stampata f'żewġ verżjonijiet: bil-kulur u *monochrome*, flimkien ma' CD li fuqha jkun hemm l-istess logo b'format psd u vector. Kull sottomissjoni għanda tinkludi ittra bid-dettalji tal-persuna li ddiżinja l-logo u deskrizzjoni ta' dak li tissimobolizza għall-artist. Is-sottomissjonijiet jistgħu jsiru sa mhux aktar tard minn nhar **l-Erbgħa, 16 ta' Diċembru, 2009.**

Dan il-materjal għandu jintbgħat fl-indirizz: Kumitat Organizzattiv Żjara tal-Papa, Kurja tal-Arċisqof, Floriana. F'kaz ta' xi diffikulta wieħed jista' jibgħat e-mail fl-indirizz: **papalvisit@maltadiocese.org**

Il-Kumitat organizattiv qed jistieden ukoll lis-surmastrijiet tal-korijiet liturġiċi biex jesprimu l-interess tagħhom biex jiffurmaw, jippreparaw u jmexxu żewġ korijiet biex jagħtu s-servizz tagħhom fiż-żjara tal-Papa f' Malta.

Ser ikun hemm bżonn is-servizz ta' żewġ (2) korijiet, wieħed biex janima l-kant is-Sibt filgħaxija fir-Rabat, u ieħor biex jagħti s-servizz tiegħu l-Ħadd filghodu fil-Quddiesa ta' fuq il-Fosos.

1. Is-servizz waqt iċ-ċelebrazzjoni tar-Rabat

a. F'din iċ-ċelebrazzjoni hu meħtieġ is-servizz ta' kor stabilit u orkestra biex janimaw il-kant kemm fiċ-ċelebrazzjoni ta' tħejjija li ssir immedjatament qabel il-miġja tal-Papa fir-Rabat, kif ukoll waqt iċ-ċelebrazzjoni nnifisha.

b. Il-kant li jintgħażel irid jittieħed mill-kotba *Għanjiet il-Ġemgħa* jew *Iktus.* L-għażla tal-kant trid issir bi qbil ma' Dun Jesmond Manicaro, delegat tal-Arċisqof għal-Liturġija u Segretarju tal-Kummissjoni Liturġika Interdjoċesana.

c. M'hemm l-ebda "honorarium" marbut ma' dan is-servizz liturġiku.

2. Il-Quddiesa fuq il-Fosos

a. Il-Quddiesa – Kyrie, Gloria, Sanctus u Agnus Dei – ikunu bil-Latin, xogħol ta' kompożitur Malti, ħaj jew mejjet.

b. Il-Quddiesa trid tkun għall-kor u l-orkestra – polifonija jew polifonija alternata mal-gregorjan.

c. Il-partijiet kollha imsemmija f'2a ma għandhomx jieħdu aktar minn 20 minuta.

d. Il-kor irid ikun magħmul minn tfal u adulti.

e. Il-kant l-ieħor: fil-mument ta' tħejjija, l-introjtu, Hallelujah, l-offertorju, akklamazzjoni wara l-konsagrazzjoni, it-tqarbin u l-għeluq jittieħed mill-kotba *Għanjiet il-Ġemgħa* jew *Iktus.* L-għażla tal-kant issir bi qbil ma' Dun Jesmond Manicaro, delegat tal-Arċisqof għal-Liturġija u Segretarju tal-Kummissjoni Liturġika Interdjoċesana.

f. Fil-bidu ta' Jannar, is-surmast irid jagħmel "auditions" għal dawk interessati u jibda l-provi b'mod regolari f'post ċentrali pprovdut mill-Arċidjoċesi.

g. M'hemm l-ebda "honorarium" marbut ma' dan is-servizz liturġiku.

Is-surmastrijiet interessati għandhom:

a. Jindikaw f’liema servizz liturġiku jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom.
b. Fil-każ tal-Quddiesa jibagħtu recording jew l-iscore mużikali.
c. Fil-każ tas-servizz liturġiku tar-Rabat, jagħtu l-profil tal-kor, il-livell ta’ formazzjoni tal-membri u xi recording ta’ xi ċelebrazzjonijiet liturġiċi riċenti li ħadu sehem fihom.
d. Id-dokumentazzjoni għandha tasal fl-indirizz indikat sa nhar **it-Tnejn, 7 ta’ Diċembru, 2009:** Kumitat Organizzattiv Żjara tal-Papa, Kurja tal-Arċisqof, Floriana.
e. F’kaz ta’ xi diffikulta wieħed jista’ jibgħat e-mail f’dan l-indirizz: **papalvisit@maltadiocese.org**
f. Id-dokumentazzjoni kollha terġa’ tiġi rritornata wara li ssir l-għażla finali.
g. Id-deċizjoni finali tittieħed mill-Kumitat Organizzattiv b’kollaborazzjoni stretta mal-Uffiċċju taċ-Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi tal-Qdusija Tiegħu l-Papa.
h. Id-deċizjoni tal-Kumitat hi finali.
i. L-istess surmast ma jistax jingħata ż-żewġ servizzi.